MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Numru 430/2001

Illum 21 ta' Ottubru 2002Il-Pulizija(Spettur Maria Stella Cutajar
Septtur Carmelo MagrivsJoseph Zahra

Il-Qorti,Rat l-akkuzi kontra Joseph Zahra ta' 19 il-sena bin Joseph u Margaret nee' Farrugia mwieled fil-Pieta' fit-2 ta' Lulju, 1982 u li joqghod 5/2 "Officers Mess", Triq Hal Far, Zurrieq u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 360482(M) akkkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli fis-16 ta' Novembru 2002 ghall-habta tas-00.45 ta' filghodu bil-hsieb li jikkometti serq minn razett sitwat fi Triq iz-Zejtun, B'Bugia, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix el-elf lira Maltin (Lm1000) bil-lok u bil-hin.

Talli fl-4 ta’ Dicembru 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data ikkometta serq ta’ bieb tal-hadid mill-fond maghruf “Drag Races Compound” sitwat f’Hal Far ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpless, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50).

Fl-4 ta’ Dicembru 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwista b’reat, sew jekk dan sar f’’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Talli fis-16 ta’ Lulju, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl’awtorita tieghu innifsu u ghamel uzu minn propjeta’ tad-Dipartiment al-Artijiet, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, dahal fi hwejjeg haddiehor.

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Lulju, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data saq truck Ford bin-numru tar-registrazzjoni KAP791 minghajr licenzja mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli b’hekk ma kientx kopert b’polza tas-sigurta’ jew garanzija ta’ terzi persuni.

Il-Qorti mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, jigu applikati il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 65 u li Joseph Zahra jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xaghar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet l-imputat jametti l-akkuza fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'attentat ta' serq, serq, recettazzjoni, ragion fattasi u reati taht il-Kap 65 u 104.

L-imputat ammetta volontarjament u inkondizjonament l-akkuzi. Nonostante, r-recitazzjoni u r-ragion fattasi r-reati taht il-Kap 65 u 104 ma rrisultawx.

Ghalhekk u wara li rat l-Art 40, 261(b) (f), 270, 278, 325 u 17 tal-kap 9, stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz, tiddecidi li tilliberah taht l-Art 9 tal-Kap 152.

--------------------------------TMIEM--------------------------------